

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Laboratoire de la mer huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 165, 10.5.2016.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2016 – Starbucks u Starbucks Manufacturing Emea vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-636/16)**

(2016/C 462/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Starbucks Corp. (Seattle, Washington, l-Istati Uniti) u Starbucks Manufacturing Emea BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: S. Verschuur, M. Petite u M-A. Stroungi, avukati)

**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

- tannulla l-Artikoli 1 sa 4 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38374 (2014/C ex 2014/NN) implementata mill-Pajjiżi l-Baxxi favur Starbucks (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”);
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2(1) tad-deċiżjoni kkontestata; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi wettqet żball materjali ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni meta interpretat u applikat il-qafas ta' referenza sabiex tevalwa jekk il-ftehim dwar l-iffissar tal-prezzijiet bil-quddiem (“advance pricing agreement”, iktar 'il quddiem l-“APA”) kienx jagħti vantaġġ selettiv.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 107(1) TFUE billi stabbilixxiet b'mod inkorrett li l-APA kien jagħti vantaġġ, u b'hekk wettqet diversi żbalji manifesti ta' fatt u ta' evalwazzjoni, naqset milli twestaq eżami diliġenti u imparzjali u pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 <sup>(1)</sup> billi kkwantifikat b'mod żbaljat l-għajnuna allegata, u b'hekk wettqet żball materjali ta' liġi u żball manifest ta' evalwazzjoni.

---

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589, tat-13 ta' Lulju 2015, li jstabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).